# Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni

www.parroccakuncizzjonihamrun.org

64

5 ta' Jannar 2025

H/2025

Ghaziz Mons. Arcisqof, Sliem!
Nittama li tinsab tajjeb.

Bhalissa hemm miftuha applikazzjoni sabiex jinghataw fondi halli jigu restawrati affarijiet immobbli fil-Knisja. Ahna ma tantx ghandna minn dawn imma kont qed nahseb biex napplika biex jigi restawrat it-tabernaklu li jehtieg restawr ghax neza mid-deheb tieghu.

Ghaldaqstant qieghed naghmel dan ir-rikors sabiex ninghata il-permezz biex nissottometti din il-proposta. Ir-rikors jista' jintlaqa' dejjem bil-kundizzjoni li jithallas minn 3rd parties. Jekk il-fondi ma jinghatawx, nergghu nikkonsidraw ix-xoghol u naraw x'inhu l-aktar urgenti li jsir.

Bhalissa qed infittex lil xi hadd li huwa warranted fuq ir-restawr tal-metall ghaliex fl-application huwa rikjest.

Grazzi mill-qalb.
Berikni

Fr.Franco Fenech
Kappillan.

NB: Ma dan ir-rikors qed nibghat xi ritratti.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Illum 6 ta' Jannar 2025

Tel: 21232643

E-mail Ufficcju : kuncizzjoni@gmail.com

Facebook: Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni Ħamrun

E-Mail Kappillan : parrocca.hamrun.ik@maltadiocese.org

Uffiċċju Parrokjali, 54 Triq Manuel Magri Ħamrun ĦMR 1871

**Il-Kurja tal-Arċisqof**
**P.O. Box 1,**
**Il-Furjana FRN 1520.**
**MALTA.**

**4/2025**

**DIGRIET**

Nilqgħu t-talba tar-Reverendu Dun Franco Fenech, Kappillan tal-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ħamrun, rikorrent, fit-termini tar-relazzjoni tal-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku.

Mogħti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 11 ta' Frar 2025.

(ft) Charles Bugeja
Kanċillier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

(ft) ✠ Joseph Galea Curmi
Isqof tit. ta' Cebarades
Viġarju Ġenerali

Kopja tal-oriġinal
Illum, 11 ta' Frar 2025

Fr. Charles Bugeja ______ Kanċillier

27 ta' Jannar 2025

**Prot. N. 04/2025 - Parroċċa Il-Ħamrun (Kunċizzjoni)**
**Restawr tat-tabernaklu**

Għażiż Dun Charles,

Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, l-KPKK tapprova dan il-proġett ta' restawr u titlob li jiġi ngaġġat konservatur b' warrant, konformi ma' Artiklu 56(2) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirrevedi r-rapport sottomess, jagħti direzzjoni dwar kif għandha tkompli l-proċedura, jgħamel monitoraġġ fuq ix-xogħlijiet kif ukoll għandu jissorvelja u jiċċertifika li x-xogħlijiet saru tajjeb.

Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tislijiet,

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku